

Brussell, 22 ta' Ottubru 2019
(OR. en)

13241/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0179(COD)

CODEC 1503
TRANS 487
AVIATION 199
PREP-BXT 167
PE 242

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/501 u r-Regolament (UE) 2019/502 fir-rigward tal-perijodi ta' applikazzjoni tagħhom – Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu. mill-21 sal-24 ta' Ottubru 2019)

I. INTRODIZZJONI

Fit-18 ta' Settembru 2019, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma li jekk il-Parlament Ewropew jaqbel mal-użu tal-proċedura urġenti u japprova l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr ebda emenda, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Fl-10 ta' Ottubru 2019, il-plenarja approvat it-talba tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu biex jipproċedi skont l-Artikolu 163 (proċedura urġenti).

II. VOT

Il-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-22 ta' Ottubru 2019 billi aċċetta l-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi¹. Din il-pożizzjoni tinsab fir-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu.

Għalhekk il-Kunsill għandu jkun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument, u b'hekk jagħlaq l-ewwel qari għaż-żewġ Istituzzjonijiet.

L-att leġislattiv imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

¹ Għal raġunijiet proċedurali, żdiedet premessa ġdida li tispjega l-eċċezzjoni għall-perijodu ta' tmien ġimgħat biex jiġu kkonsultati l-Parlamenti nazzjonali fid-dawl tal-urġenza li tirriżulta mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni.

(22.10.2019)

Il-perjodi ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/501 u tar-Regolament (UE) 2019/502 *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2019 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/501 u (UE) 2019/502 fir-rigward tal-perjodi ta' applikazzjoni tagħhom (COM(2019)0396 - C9-0108/2019 - 2019/0179(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2019)0396),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 91(1) u 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0108/2019),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' Settembru 2019²,
- wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 59 u 163 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

² Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-22 ta' Ottubru 2019 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2019/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/501 u (UE) 2019/502 fir-rigward tal-perjodi ta' applikazzjoni tagħhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 91(1) u 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew³,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁴,

³ Opinjoni tal-25 ta' Settembru 2019 (mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁴ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2019.

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). It-Trattati ser jieqfu japplikaw għar-Renju Unit mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' ftehim dwar il-ħruġ jew, fin-nuqqas ta' dan, sentejn wara li tkun saret dik in-notifika, sakemm il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, ma jiddeċidix b'mod unanimu li jestendi dak il-perjodu.
- (2) Sabiex titħejja għall-possibbiltà li r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni mingħajr ftehim fit-30 ta' Marzu 2019, fil-25 ta' Marzu 2019, ġew adottati r-Regolament (UE) 2019/501 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ li jimmira li jiżgura l-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tal-passiġġieri bit-triq bejn l-Unjoni u r-Renju Unit, u r-Regolament (UE) 2019/502 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ li jimmira li jiżgura l-konnettività bażika bl-ajru bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.

⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/501 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar regoli komuni li jiżguraw il-konnettività bażika tat-trasport tal-merkanzija bit-triq u tal-passiġġieri bit-triq fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 39).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/502 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fit-trasport bl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni (ĠU L 85I, 27.3.2019, p. 49).

- (3) Wara li ntlaħaq ftehim għall-ewwel estensjoni fit-22 ta' Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584⁷ fil-11 ta' April 2019, fejn huwa qabel, wara talba ulterjuri mir-Renju Unit, li jestendi l-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE sal-31 ta' Ottubru 2019. Sakemm ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit ma jkunx daħal fis-seħħ sad-data ta' wara dik li fiha t-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit, jew il-Kunsill Ewropew, bi qbil mar-Renju Unit, unanimament jiddeċiedi li jestendi l-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE għat-tielet darba, il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE ser jintemm fil-31 ta' Ottubru 2019.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2019/501 jieqaf japplika fil-31 ta' Diċembru 2019 u r-Regolament (UE) 2019/502 jieqaf japplika fit-30 ta' Marzu 2020. Sabiex jiġi indirizzat l-impatt li jirriżulta mill-estensjoni tal-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE b'seba' xhur, jenħteġ li jiġi estiż il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti, filwaqt li jitqiesu l-prinċipji fundamentali sottostanti għall-miżuri ta' kontinġenza u l-perjodi ta' applikazzjoni tagħhom li kienu oriġinarjament maħsuba għalihom.

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

- (5) Minħabba l-estensjoni b'seba' xhur tal-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE, jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/501 jiġi estiż b'seba' xhur sal-31 ta' Lulju 2020 sabiex jinżamm perjodu ta' applikazzjoni ta' disa' xhur mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, kif inizjalment maħsub, u biex jiġi żgurat li, fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu, jinkiseb l-objettiv ta' dak ir-Regolament li mal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni tinżamm temporanjament il-konnettività bit-triq.
- (6) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-passiġġieri jistgħu jinġabru u jitniżżlu fir-reġjun tal-fruntiera tal-Irlanda matul servizzi internazzjonali tat-trasport regolari u regolari speċjali tal-passiġġieri bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq għall-istess perjodu ta' sitt xhur inizjalment maħsub. Għalhekk, jenħtieġ li r-referenza għad-data tat-tmiem imsemmija fil-punt (3)(d) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2019/501 tiġi sostitwita b'referenza għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

- (7) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwità fil-ġbir u t-tniżżil tal-passiġġieri fir-reġjun tal-fruntiera tal-Irlanda matul servizzi internazzjonali tat-trasport regolari u regolari speċjali tal-passiġġieri bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, jenħtieġ ukoll li l-validità tal-awtorizzazzjonijiet għall-operaturi ta' servizzi tal-kowċ u x-xarabank tar-Renju Unit imsemmija fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) 2019/501, tiġi aġġustata għad-data l-ġdida li fiha jieqaf japplika dak ir-Regolament.
- (8) Il-perjodu għall-Kummissjoni biex teżerċita s-setgħat delegati msemmija fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) 2019/501 jenħtieġ li jiġi aġġustat għad-data l-ġdida li fiha jieqaf japplika dak ir-Regolament.

- (9) Minħabba l-estensjoni b'seba' xhur tal-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) TUE u fin-nuqqas ta' kwalunkwe adattament, ir-Regolament (UE) 2019/502 ikun applikabbli għal inqas minn nofs il-perjodu inizjalment maħsub jekk jieqaf japplika fit-30 ta' Marzu 2020. Dak jillimita b'mod sinifikanti l-perjodu li matulu t-trasportaturi tar-Renju Unit ikunu jistgħu joperaw titjiriet lejn l-Unjoni. B'konsegwenza ta' dan, sabiex jiġi rifless il-perjodu ta' applikazzjoni previst inizjalment, jenħtieġ li l-perjodu ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/502 jiġi estiż b'seba' xhur. Sabiex jikkoinċidi mal-aħħar jum tal-istaġun tas-sajf 2020 tal-IATA, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/502 jieqaf japplika sa mhux aktar tard mill-24 ta' Ottubru 2020.
- (10) Fid-dawl tal-urġenza li nħolqot mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, tqies li huwa xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, li huwa anness mat-TUE , mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

- (11) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Ufficiali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li japplika mill-jum ta' wara dak li fih it-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit. Madankollu, jenħtieġ li ma japplikax jekk ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(2) TUE jkun daħal fis-seħħ sa dik id-data,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/501

Ir-Regolament (UE) 2019/501 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, il-punt 3(d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) il-ġbir u t-tniżżil ta' passiġġieri fir-reġjun tal-fruntiera tal-Irlanda matul servizzi regolari u servizzi regolari speċjali internazzjonali bejn l-Irlanda u l-Irlanda ta' Fuq, għal perjodu ta' sitt xhur li jibda mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif stabbilit fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 12;”;
- (2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-awtorizzazzjonijiet li jibqgħu validi taħt il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jkomplu jintużaw għall-iskopijiet speċifikati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jekk ikunu ġew imġedda taħt l-istess termini u kundizzjonijiet, jew jinbidlu f'termini ta' waqfiet, nollijiet jew skeda, u soġġetti għar-regoli u l-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 6 sa 11 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 għal perjodu ta' validità li ma jestendix lil hinn mill-31 ta' Lulju 2020.”;

(3) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(2) u 8(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2020.”;

(4) fl-Artikolu 12, ir-raba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan ir-Regolament għandu jieqaf japplika fil-31 ta' Lulju 2020.”.

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament (UE) 2019/502

Fl-Artikolu 16(4), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) 1-24 ta' Ottubru 2020.”.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-jum ta' wara dak li fih it-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(3) TUE.

Madankollu, dan ir-Regolament ma għandux japplika jekk ftehim dwar il-ħruġ konkluż mar-Renju Unit skont l-Artikolu 50(2) TUE jkun daħal fis-seħħ sad-data ta' wara dik li fiha t-Trattati jieqfu japplikaw għar-Renju Unit.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President